# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tas-27 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 13 t' April 2021 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Skużat :**

| | |
|---|---|
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

27.01 **Talba**

27.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

27.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

27.02.01 Is-Sindku nforma li kien irċieva *email* mingħand il-Kunsillier Zaffarese li nfurmah li minħabba raġunijiet personali, ma setax jattendi l-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta unanimament din l-apoloġija.

27.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 26**

27.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 26 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

27.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.04.01 Rigward il-Pjazza, s-Sindku spjega li fl-aħħar jiem kienet saret laqgħa mal-kuntrattur u l-PWD rigward ix-xogħlijiet pendenti li jinkludu l-gradilji li jagħmlu l-ħsejjes. Huwa qal li malli jinħareġ il-*Compliance Certificate* mill-MEPA tkun tista' ssir l-applikazzjoni għall-*meters* tad-dawl. Huwa qal li malli l-Enemalta jlestu mix-xogħol tagħhom, ikunu jistgħu isiru t-toqob għall-arbli tal-festa li għad jonqos. Huwa qal li l-bankijiet u l-*bins* kienu ġew ordnati u li dawn ser jitwaħħlu malli jaslu. Rigward il-*pots* ġie deċiż li jekk ma nisimgħu xejn mingħand il-Parks, il-Kunsill jieħu ħsieb jixtrihom hu billi juża ammonti pendenti mir-Reġjun. Finalment, huwa qal li għad fadal xi *issues* żgħar li tqajmu mis-Soċjetà Santa Marija li riedu jiġu ndirizzati mill-Enemalta.

27.04.02 Rigward ix-xogħlijiet pendenti fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, s-Sindku nforma li konna bagħtna korrispondenza lil Infrastructure Malta. Il-Viċi-Sindku talbet kopja ta' din il-korrispondenza peress li din ma kienetx waslet għandhom.

27.04.03 Rigward il-proġett *Green Infrastructure*, is-Sindku spjega li kien hemm problema *b'pipe* maqsum u bħala riżultat xi ilma spiċċa fit-triq. Huwa qal li l-ġiebja kienet żvujtat u għalhekk konna ħadna ħsieb li nimlewha permezz tal-*bowser*. Il-Kuntrattur ser jieħu ħsieb jirranġa l-funtana sabiex din tkun dejjem tixgħel. Rigward ix-xtieli tar-rand, is-Sindku spjega li dawn kienu ġew responsabbiltà tal-ELC fuq talba tagħhom stess. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur kien ser jibda jaħdem fuq ir-*roundabout* fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li nerġgħu nesploraw il-possibbiltà li jitkompla l-proġett tal-ġebel li kien ser isir xi snin ilu u fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li l-Kunsill għandu jkellem lill-iskultur Mqabbi li kien involut f'din l-inizjattiva sabiex naraw x'hemm bżonn li jsir filwaqt li niksbu aktar informazzjoni dwar il-proġett. Il-Viċi-Sindku qalet li dak kien proġett tal-Kunsill tant hu hekk li dak iż-żmien il-Kunsill kien ħallas tal-ġebla, ġarr u anke ingħataw xi flus lill-koppja Volker. Hija talbet is-S.E. jara il-minuti ta' dak iż-żmien u lis-Skeda tal-Pagamenti.

27.04.04 Is-Sindku spjega li kien inbeda x-xogħol minn *Infrastructure Malta* fi Triq George Martin. Huwa qal li d-drenaġġ kien ser jinbidel però kien hemm problema fil-komun ta' xi garaxxijiet minħabba xi irregolaritajiet li saru waqt il-bini però IM kienu ser jaraw jistgħux isolvu din il-problema.

27.04.05 Is-Sindku nforma li l-arblu tad-dawl biswit l-*iBins* fi Triq Ħal Kirkop kien ġie mċaqlaq u issa jonqos li teħel is-CCTV però sa issa konna għadna qed nistennew l-istima mingħand GreenPak.

27.04.06 Rigward id-*Double Yellow Lines* fi Triq Zurrieq, is-Sindku nforma li dawn kien tneħħew minħabba x-xogħol li sar dan l-aħħar mill-Enemalta. Huwa qal ukoll li konna rċivejna diversi lmenti dwar ir-*reinstatement* li sar u dwar dan konna ktibna lill-Enemalta.

***Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad mal-Kunsill fis-6.30 p.m.***

27.04.07 Is-Sindku nforma li l-kuntratt tal-*patching* u l-bankini kien konkluż u li malli jkollna l-garanzija s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill.

27.04.08 Rigward il-bdil tal-bankina u l-fanali fi Triq Karmenu Ciantar, ġie deċiż li nibdew naħdmu fuq it-*tender* tal-fanali. Is-S.E. għandu jiċċekkja jekk dan it-tip ta' xogħol huwiex inkluż fit-*tender* tad-dawl.

**27.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

27.05.01 Il-Viċi-Sindku irrimarkat li ma kienx qed isir tindif kif suppost mill-kennies. Is-S.E. informa li ma konna rċivejna l-ebda lment dwar it-tindif però ġie deċiż li għandna ninvolvu iktar lill-*Contracts Manager* sabiex naraw li l-Kunsill ikun qed jieħu s-servizz li jkun qed iħallas għalih.

27.05.02 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-*issue* tal-*Ground* tal-*Football*. Peress li s-S.E. informa li konna għadna qed nistennew risposta, ġie deċiż li nibgħatu *reminder*.

27.05.03 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk konniex irċivejna risposta mingħand il-Ministu C. Bartolo rigward Ġnien OnġiOnġella. Is-S.E. qal li huwa bgħat lill-Perit Fsadni u mhux lill-Ministru Bartolo hekk kif kien deċiż. Huwa qal li konna għadna bla risposta, s-Sindku nforma li kien ser jintervjeni personalment sabiex jekk ikun possibbli nġibu l-pjanti li kienu saru.

27.05.04 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-*park* li kien tqajjem minnha waqt il-laqgħa li kellna mal-Onor. M. Dalli. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien intalab sabiex iressaq il-proposti tiegħu dwar x'jixtieq li jkun fih dan il-*Park* lil Ministeru. Hija qalet li l-proposta ta' kif għandha tiġi żviluppata dik il-medda ta' art, minnhom trid tiġi għax huwa għandhom nies esperti magħhom. Fl-istess waqt, hija talbet is-S.E. sabiex jgħaddi l-minuti ta' din il-laqgħa kif ukoll dik li saret mas-Socjeta' Muzikali Madonna tal-Ġilju.

27.05.05 Il-Viċi-Sindku qalet lil kellha talba mill-kaxxier tas-Socjeta' Mużikali Santa Marija sabiex isir qtugħ ta' ħaxix mal-istatwa ta' Santa Marija apparti li jitlestew l-affarijiet pendent li baqa' fil-Pjazza. Is-Sindku nforma li dan ix-xogħol kien ser isir fil-ġranet li ġejjin.

27.05.06 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li ssir tabella li tindika Triq il-Fjuri peress li din it-triq lanqas hija ndikata fuq *Google Maps*. Din it-talba ġiet approvata.

27.05.07 Il-Kunsillier Dingli staqsa kif il-Kunsill ser jinforma lil-Cleansing Dept. meta jiġi bżonn is-servizz tagħhom bħala riżultat tal-MOU. Is-S.E. intalab sabiex iġib dan il-kuntatt.

27.05.07 Il-Kunsillier Dingli informa li xi residenti kienu ilmentaw dwar id-dawl mir-riflettur li twaħħal faċċata tal-iBins fi Triq Hal Kirkop. Is-S.E. informa li kien ser ikellem lil-Kuntrattur dwar din il-problema.

27.05.08 Il-Kunsillier Dingli lmenta dwar inkonvenjent minn diversi vetturi fi Triq il-Murselli . Huwa talab sabiex isir iktar infurzar.

27.05.09 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar id-dawl fi Ġnien Ġublew tad-Djamanti. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkellem lill-kuntrattur sabiex naraw x'hemm bżonn sabiex dan jerġa jibda jixgħel.

27.05.10 Il-Kunsillier Dingli semma l-problema tal-vandaliżmu fi Ġnien OnġiOnġella u ġiet approvata l-*quotation* sabiex jinbidel id-DVR sabiex inkunu nistgħu naraw is-CCTV mill-uffiċini tagħna.

27.05.11 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li ssir CCTV fuq l-iBins li hemm fi Triq il-Barrieri. Dan is-suġġeriment ġie approvat unanimament u ġie deċiż li ninfurmaw lil GreenPak.

27.05.12 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-*boundary wall* Triq Mons. Alfons Caruana. Is-Sindku spjega li fejn hemm triq illum ser tiġi għalqa u t-triq tiġi maġenb din l-għalqa.

27.05.13 Il-Kunsillier Dingli lmenta mill-fatt li diversi residenti li joqgħodu fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kienu qed ipoġġu l-boroż tal-iskart tagħhom fuq il-ħamrija minflok iħalluhom wara l-bibien rispettivi tagħhom. Ġie unanimament deċiż li għandna nibgħatu ittra lir-residenti ta' din it-triq sabiex l-iskart iħalluh wara biebhom kif ukoll inkellmu lill-kuntrattur li jiġbor l-iskart sabiex jidħol fis-*side streets* sabiex jiġbor l-iskart.

27.05.14 Il-Kunsillier Dingli irrimarka li t-tabella dwar id-depożitu ta' skart ħdejn l-*iBins* fi Triq Ħal Kirkop hemm bżonn tinbidel, kif ukoll li idealment ikun hemm tabelli li jindikaw li jekk l-*iBins* ikunu mimlija, l-iskart m'għandux jitħalla fuq il-post. Filwaqt li t-tabella ser tinbidel mill-ħaddiema tal-Kunsill, għandna nkellmu lill-GreenPak dwar it-tabelli l-oħra.

27.05.15 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar problema tal-qlib tal-ilma fi Triq il-Mitħna. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lill-kuntrattur il-ġdid.

27.05.16 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal talba sabiex tissolva l-problema tal-ilma li qed joqgħod quddiem ħanut tal-merċa f'Misraħ il-Fidwa. Is-Sindku nforma li *quotation* li konna rċivejna mingħand kuntrattur partikolari kienet ġiet madwar €12,000 u għalhekk ġie deċiż li naraw x'soluzzjoni jista' joffri l-kuntrattur il-ġdid.

27.05.17 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi pjanijiet dwar Triq il-Franka u s-Sindku nforma li din kienet ser issir minn IM wara li titlesta Triq George Martin. Rigward Triq il-Parrocca, Sqaq nru 5 sa issa ma kienx hemm żviluppi.

27.05.18 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar xi żviluppi rigward *parking bay* ġdida ħdejn waħda *Reserved* għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-S.E. informa li TM kienu awtorizzaw li ssir jekk hemm distanza biżżejjed bejn il-*parking bay* għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-kantuniera. Ġie approvat li jekk hemm distanza biżżejjed, din issir.

27.05.19 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex żewġ tabelli ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju kantuniera ma' Triq id-Duluri u Pjazza tal-Knisja rispettivament ma kienux taċ-ċeramika bħal l-oħrajn li hemm madwar ir-raħal. Is-Sindku nforma li kien ser jiċċekkja jekk dawn kienux saru mis-Soċjetà Madonna tal-Ġilju fiż-żmien meta nfetħet it-triq.

27.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordinijiet ta' xogħlijiet**

27.06.01 Korrispondenza SPI/SCI/4/2021 - Korsijiet *Lifelong Learning* 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jerġa japplika għall-korsijiet tal-Ganutell kif ukoll naraw il-possibbiltà li jsiru korsijiet f'suġġetti oħra.

27.06.02 Korrispondenza mid-Dipt. għall-Gvern Lokali tikkonferma li l-Kuntratt għall-Ġbir tal-Iskart li l-Kunsill għandu mal-Kunsill ta' Ħal Safi ġie estiż sa Awwissu 2022.

27.06.03 Korrispondenza mingħand 2 kumpaniji privati li qed joffru reċipjenti fejn jiġi depożitat żejt tal-ikel użat fil-viċinanzi tal-*Bring-In Sites*. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din l-offerta.

27.06.04 Korrispondenza mingħand l-LCA sabiex il-Kunsill jindika 5 postijiet fejn isiru *Charging Pillars*. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa m'għandux iżid mal-waħda eżistenti u mal-oħra li approva aktar kmieni din is-sena.

27.06.05 Protest Ġudizzjarju minn żewġ residenti rigward *Traffic Management* fi Sqaq nru 2, Triq il-Lanġasa. Il-Kunsill ser iwieġeb għal dan il-Protest Ġudizzjarju permezz tal-Avukat tiegħu.

27.06.06 Korrispondenza mid-Dipt. għall-Gvern Lokali dwar ingaġġ ta' iktar ħaddiema taħt il-*Community Work Scheme*. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li ma jibbenefikax minn din l-iskema.

27.06.07 Is-S.E. ippreżenta 3 *quotations* sabiex isir *survey* ta' Triq Ħal Kirkop sabiex fuqu jkunu jistgħu isiru *parking bays* fl-istess triq. Ġie unanimament deċiż li għandha tingħażel l-orħos offerta.

27.06.08 Korrispondenza mingħand il-LESA dwar Fondi – Proġetti fil-Komunitajiet. Is-Sindku staqsa jekk għandniex napplikaw għal aktar CCTV filwaqt li l-Viċi-Sindku ssuġġeriet li nirrestawraw l-Isptar il-Qadim u jekk possibli, nifthu l-kantina. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu japplika sabiex isir restawr tal-Isptar il-Qadim. Għal dan il-għan is-S.E. għandu jkellem lil-Perit tal-Kunsill sabiex tieħu ħsieb tipprepara dak li hu meħtieġ sabiex inkunu nistgħu nissottomettu l-applikazzjoni fil-ħin.

27.06.09 Ilment minn residenta li toqgħod fi Triq it-Torri Vincenti dwar ħsarat fil-ħajt tas-sejjieħ li jdawwar il-propjetà tagħha minn vetturi kbar. Ġie unanimament deċiż li dan l-ilment jintbagħat għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

27.06.10 Ilment minn residenta li toqgħod fi Sqaq Nru 1 fi Triq il-Parroċċa, dwar ammont ta' vetturi li qed jidħlu jipparkjaw f'dan l-isqaq. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jipprova jikseb aktar informazzjoni dwar dan l-ilment.

27.06.11 Ġie deċiż li għandna nkellmu lill-Perit tal-Kunsill sabiex naraw jekk huwiex possibbli li jkun hemm entratura separata minn dik għall-irġiel għal latrina tan-nisa.

27.06.12 Is-S.E. ippreżenta l-*quotations* li konna ksibna għax-xiri ta' ikel għall-qtates u l-bini ta' 3 *Cat Shelters* taħt l-iskema LC Care. Wara diskussjoni, ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jagħżel l-irħas offerta f'kull kategorija.

27.06.13 Ġie unanimament deċiż li għandhom jinġiebu *quotations* għax-xiri ta' *laptop* għall-użu tal-uffiċċju peress li dak eżistenti huwa *slow* wisq.

27.07 **Mozzjonijiet**

27.07.01 Is-Sindku qara mozzjoni imressqa minnu datata 5 t'April 2021 u issekondata mill-Kunsillier Sciberras dwar it-*Traffic Management* fi Sqaq nru 2, Triq il-Lanġasa. Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

27.08 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/27**

27.08.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/27 ġiet approvata unanimament.

27.08.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Marzu 2021 ġiet approvata unanimament.

27.09 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

27.09.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:10 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 25 ta' Mejju fil-5:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021.

Omar Farrugia
Sindku

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv